MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Numru. 987/2010

**Il-Pulizija**

**[Supretendent Carmelo Bartolo]**

**vs**

**Mark Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Zahra detentur tal-karta tal-identita` numru 449371(M).

Rat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat Mark Zahra talli:

> F'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta; hin bejn it-07:50 ta' filghodu tas-16 ta' Ottubru, 2005 u d-9:15 ta' filghodu tas-16 ta' Ottubru, 2005, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' gojjellerija. Liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (LM 1000), bil-mezz, kif ukoll bil-lok, sar ghad-detriment ta' Grazio Cachia mill-Fgura, u dan bi ksur tal-artikioli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 27(3) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara li tammonta ghal aktar minn elf mija u erbgha u sttin Euro u sebgha Euro centezmu ( LM 500) saret ghad-detriment ta' Grazio Cachia mill-Fgura u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar qed jigi akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
>
> U finalment qieghed jigi akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'liema sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta datata 30 ta' Marzu, 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel, inghata il-liberta bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin u dan bi ksur tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali fejn hass li ghandha tinstab htija taht dak li hemm mahsub:-

1. Fl-Artikoli 261(b), (c) u (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serqa li sehhet fl-abitazzjoni ta' Grazio Cachia fil-Fgura li tali serqa hija kkwalifikata bil-valur, bil-mezz u bil-lok. Illi ghal din is-serqa saret inkjesta Magisterjali u hemmhekk inhatru diversi esperti fosthom

esperti fuq l-impronti digitali li setghu jinstabu fuq il-post tad-delitt. L-atti ta' din l-inkjesta jinstabu a fol 34 tal-process.

Illi bhala punt preliminarju, din il-Qorti tibda biex tippreciza illi fuq il-kwistjoni ta' dewmien sollevata fit-trattazzjoni mid-difiza, jigi sollevat illi din hija kawza istitwita f'Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u filwaqt illi din il-Qorti thoss li ghalkemm xtaqet li din il-kawza tigi finalizzata f'anqas zmien minkejja dan ma thossx li kien hemm dewmien esagerat. Illi di piu` huwa veru illi kien hemm diversi differimenti izda li dawn ger wara li l-prosekuzzjoni ghalqet mill-provi taghha u fejn ma seta' isir xejn kemm-il darba ma jigix l-avukat difensur.

Illi rigward il-mertu xehed l-ufficjal prosekutur illi xehed dwar l-investigazzjoni tieghu li wasslu li jasal ghall-imputat, xehed il-vittma Grazio Cachia izda aktar importanti xehed l-espert tal-inkjesta Joseph Mallia a fol 56 tal-process u fejn huwa ikkonferma bil-gurament illi ghamel komparazzjoni mill-'lifters' elevati mill-espert forensiku PS404 Paul Camilleri u mal-impronti digitali tal-imputat u fejn wahda mill-impronti elevati kienet tabqel b'mod identiku u b'punti relattivi aktar minn erbatax-il (14) punt mas-subgha tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-istess imputat.

Illi ngabet il-prova tar-recidiva u in kwantu tar-raba (4) akkuza li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Rat illi l-imputat ma ressaqx l-ebda prova.

Ikkunsidrat illi l-fedina penali tal-imputat a rigward piena hija wahda pjuttost refrattarja li minnhom hemm ukoll diversi akkuzi ta' serq.

Ikkunsidrat ukoll illi minn ezamijiet forensici mahruga fl-atti tal-inkjesta hemm prova inkonfundibbli illi l-imputat kellu x'jaqsam mas-serqa in kwistjoni tenut kont tal-fatt illi huwa kien innega fl-istqarrija illi huwa qatt ma dahal fl-abitazzjoni ta' Grazio Cachia. Illi rrizulta li dan ma kienx minnu u ghalhekk it-telefonata anonima li saret lil Malcolm Spiteri li xehed f'dawn il-proceduri fejn gie msemmi l-isem tal-imputat anke bil-laqam tieghu u cioe' "il-Papru" bhala min seraq, kienet wahda korretta.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha ssib htija tal-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(3) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446, qed issib lill-imputat Mark Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih. Hadet in konsiderazzjoni is-sentenza datata 30 ta' Marzu 2004, fejn l-imputat kien misjub hati fuq ammissjoni ta' serq tal-valur ta' LM34.85 kif ukoll l-addebitu tar-recidiva u ghalhekk tikkundannah b'mod globali ghall-sentenza ta' prigunerija ghal zmien tlettax (13) il-xahar.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------